

Lejn Unjoni tal-Enerġija...

Malta


Din l-iskeda informattiva hija taqsira tal-verżjoni sħiħa li tinsab fit-tielet rapport dwar l-Unjoni tal-Enerġija (Novembru 2017)


bis-sigurtà u s-solidarjetà...

Iż-żejt importat jirrappreżenta 97 % tat-taħlita enerġetika ta' Malta, filwaqt li t-3 % li jifdal jiġi minn sorsi rinnovabbli. B'riżultat ta' dan, **Malta għandha waħda mill-ogħla dipendenzi mill-importazzjoni fl-UE**. Madankollu, żieda fil-produzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-ftuħ ta' impjant tal-enerġija li jaħdem bil-gass u l-interkonnettur tal-elettriku mal-Italja qed jgħinu biex is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-enerġija ta' Malta titjieb.



f'suq integrat...

Sabiex tiżgura **aċċess għal enerġija rħisa u sigura għall-konsumaturi kollha fl-Ewropa**, l-UE qed tinvesti fl-infrastruttura tal-enerġija biex l-enerġija tkun tista' tiġi nnegozjata b'mod liberu bejn il-pajjiżi tal-UE u fi hdnahom. **Interkonnettur tal-elettriku mal-Italja appoġġat mill-Programm Ewropew tal-Enerġija għall-Irkupru temm l-iżolament ta' Malta fil-qasam tal-enerġija**, u żied il-livell tal-interkonnettività tagħha għal 24 %.





li tagħti aktar riżultati b'inqas sforz...

Fis-snin reċenti Malta naqset il-konsum tal-enerġija primarja b'mod sinifikanti filwaqt li baqgħet tiġġenera t-tkabbir. **L-intensità enerġetika tal-ekonomija Maltija hija taħt il-medja tal-UE**, mhux l-inqas minħabba t-titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-impjanti tal-enerġija. Madankollu, żieda fil-konsum fl-2015 turi li jridu jibqgħu jsiru l-isforzi biex tiġi mmoderata d-domanda biex Malta tilħaq il-mira nazzjonali tagħha tal-effiċjenza fl-enerġija.




abbażi ta' politiki li ma jagħmlux ħsara lill-klima...

Sal-2016 Malta kellha emissjonijiet ta' gass serra oġħla mill-miri annwali tagħha għall-emissjonijiet mhux koperti mill-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE (EU ETS). Din il-mira nazzjonali tkopri b'mod partikolari l-emissjonijiet mit-trasport, mill-bini, mill-agrikoltura u mill-iskart. Bil-politiki fis-seħħ illum, huwa mistenni li Malta ma tilħaqx, b'marġni kbir, il-mira tagħha tal-2020 ta' massimu ta' żieda ta' 5 % mil-livelli tal-2005. Fl-2015 Malta kellha 5.0 % ta' enerġija rinnovabbli u qiegħda fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tal-2020 ta' 10.0 %.




li trawwem ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

L-istrateġija nazzjonali tar-riċerka u l-iżvilupp ta' Malta identifikat l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti bħala qasam ta' interess, u tat prijorità lill-binjiet effiċjenti fir-riżorsi. Fil-programm Orizzont 2020, il-parteċipanti Maltin irċewew finanzjament mill-UE ta' € 0.7 miljun għall-kontribut tagħhom lir-riċerka fil-programm dwar "enerġija sigura, nadifa u effiċjenti".